# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 10 ta' Dicembru 2015

Rikors Guramentat Nru. 19 / 13RGM

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur fit-30 ta' Jannar 2013 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxin (21) ta' Gunju elfejn u hamsa (2005), u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi l-partijiet izzewgu fis-Sirja fis-Srakeb Registry Office, fejn kien jghix ir-rikorrent, liema zwieg gie sussegwentament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

3. Illi dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat minkejja illi ghamlu xi zmien jabitaw fl-istess residenza;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat fil-21 ta' Gunju 2005 huwa null u bla effett peress illi il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet esssenzjali tal-hajja mizzewga;

5. Illi l-kunsens tal-intimata kien ivvizzjat peress li nkiseb fl-eskluzzjoni tal-parti l-ohra li twettaq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga, minkejja li kienet taf x'inhuma;

6. Illi ghalhekk ukoll iz-zwieg celebrat bejin il-kontendenti huwa null u bla effett ai terminu tal-Artikolu 19A, u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Kapitolu 225 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg kkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvediment l-ohra li jkun xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata, minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-riferta pozittiva tat-8 ta' April 2013 li minnha jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata bil-purtier fl-istess gurnata billi kopja tar-rikors thalliet ma' Lucy Mifsud, omm il-konvenuta, li fic-certifikat taz-zwieg Dok A hi indikata bhala Rosaria, izda ghalkemm debitament notifikata l-konvenuta naqqset li tipprezenta risposta guramentata u baqghat kontunaci;

Rat l-affidavit tal-attur ippresentat b'nota tat-23 ta' Ottubru 2013, Fol. 15 sa 17 tal-process;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2014 fejn giet nominata Dottor Fransina Abela bhala Assistent Giudizzjarju;

Rat in-nota tat-23 ta' April 2014 li biha l-attur ippresenta l-affidavit ta' Ala Chlach, Fol.24 tal-process;

Rat ix-xhieda tal-konvenuta, li xehedet fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 quddiem l-Assistent Giudizzjarju;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**.

**L-attur A B** fl-affidavit tieghu ddikjara li twieled is-Sirja, u kien jghix f'rahal zghir jahdem fix-xoghol tar-raba'. Hu kkonferma li fil-kultura taghhom ma tinghatax importanza ghall-fatt li l-partijiet ikunu jirrikjedu certu zmien biex isiru

jafu lill-xulxin, gieli jizzewgu anke wara ghaxart ijiem jew hmistax minn mindu jsiru jafu lill-xulxin. Lill-konvenuta sar jafha billi kien jaf persuna, residenti f'Malta, li ghamlet l-arrangamenti kollha biex il-konvenuta tmur is-Sirja biex tiltaqa' mal-attur. Iltaqghu fis-Sirja, l-konveuta kellha biss sbatax-il sena, marru go lukanda, l-attur kien jorqod fil-kamra mal-persuna li ntroduciethom, u l-kovenuta raqdet maghha oht l-attur. Hu jikkummenta dwar il-fatt li kien hemm diffikulta' biex jikkomunikaw billi hu ma kienx jifhem il-Malti, hlief ghal xi kelma li tixbah l-Gharbi, u kien biss bl-ghajnuna tal-persuna li introducithom li setghu jiftehemu billi din il-persuna kienet titkellem bil-Malti u bis-Sirjan.

Saru l-arrangjamenti u zzewgu fir-Registru fis-Sirja. Hu ddikjara li qatt ma kienu intimi flimkien, la qabel u l-anqas wara z-zwieg. Wara z-zwieg marru joqghodu ghand il-familja tieghu, fejn kienu jghixu tlett familji, rgiel ghalihom u nisa ghalihom. L-anqas kellhom l-opportunita' li jkunu wahedhom flimkien l-anqas ghal ftit hin. Wara xi xahrejn u nofs hi rritornat Malta u kellha tipprepara l-karti biex l-attur ikun jista' jigi hu f'Malta wara xi sitt xhur. Meta l-attur gie Malta l-konvenuta laqqatu mal-genituri taghha, u marru jghixu ghandhom, pero' billi l-post kien zghir wisq, marru fi flat ghar-rashom. Hemmhekk l-attur rrealizza li l-konvenuta, tfajla ta sbatax-il sena ma kinitx interessata fix-xoghol tad-dar, kien mohhha fil-hrug wahedha, u abbondonat kemm lilu kif ukoll id-dar. Il-konvenuta riedet terga' tmur tghix mal-genituri taghha, izda, hu ma kienx komdu hemm u rrifjua. L-attur jghid li barra li abbandonatu, irrealizza li kienet qed tkun fil-kumpanija ta' rgiel ohra, u meta kien jikkonfrontha, kienet tivvinta u tghidlu li huma kugini. Hi regghet marret lura tghix mal-genituri taghha, l-attur ipprova jirranga kemm-il darba maghha izda rrizultalu li ma kellha l-ebda intress fih, tant li l-anqas marret tarah meta kien l-isptar. Hu jghid li fl-ahhar sentejn qata' qalbu minnha. L-attur jikkonkludi l-affidavit tieghu hekk:

"Jiena nixtieq li dan  iz-zwieg jigi annullat ghaliex dan iz-zwieg qatt ma ezista u dan minnhabba l-immaturita' taghna u anke ghall-fatt li ahna qatt ma kkonsmajna dan iz-zwieg."

Fl-affidavit tieghu, **Ala Chlach**, Fol.24 tal-process, li jigi z-ziju tal-attur, iddikjara li hu residenti f' Malta, li kien gie hawn hames snin qabel l-attur, u li kien ltaqa' mal-konvenuta u l-familja taghha. Hu kkonferma li l-partijiet damu flimkien zmien qasir, xi xahrejn mhux aktar minn tlieta, li hi kienet ghadha zghira hafna, li xejn ma kien jaghti x'tifhem li huma koppja u li l-anqas biss kien jifthemu.

**Il-konvenuta C B** xehdet quddiem l-Assistent Gudizzjarju fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, Fol. 45 tal-process. Hi ddikjarat li taf li r-ragel fetah kawza ghall-annullament u li hi taqbel ma' dan. Hi kkonfermat li kienet ghada tifla u ma taf xejn billi kellha biss sittax-il sena meta l-partijiet izzewgu.  Hi xhedet li "Hawn Malta ghamilna xi tlett xhur imbaghad daqshekk."  " Jiena qatt ma kelli x'naqsam

mieghu la qabel u l-anqas wara……..ma kontx inhossni komda nidhol fis-sodda mieghu."

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

In tema legali jinghad illi l-Qrati taghna dejjem irritenew li l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku jinhtieg is-salvagwardi necessarji. Talba ghall-annullament taz-zwieg jinhtieg li tkun sorretta minn provi konvincenti li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

"F'materja ta' zwieg li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax taghamilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imam f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccjozament wara xi zmien ta'zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' deskrizzjoni u fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-deskrizzjoni u jsiru mature. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annulllament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan m'ghandux ikun sabiex ikunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor." ( "Anna Tonna vs Alexander Tonna" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991):

L-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg fit-termini tal-artikolu 19A, u/jew19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 19A(1) jghid hekk;

"Zwieg validu jista' jigi annullat, fuq talba ta' parti mizzewga wahda, minnhabba li l-parti l-ohra tkun rrifjutat tikkonsma l-istess zwieg"

Artikolu 19 (1) (d) jipprovdi li zwieg huwa null jekk il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Zwieg jista' jigi annullat wkoll skond l-Artikolu 19(1)(f):

"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet jkun inkiseb bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg nnifsu jew ta xi element essenzjali tal-hajja mizzewga."

Ikkonsidrat dwar il-mertu;

Ic-cirkostanzi partikolari ghal dan il-kas huma singolarment eccezzjonali. Dan mhux il-kas ta' zwieg bejn koppja li ghamlu zmien ragjonevoli gharrajjes, u ippreparaw ruhom serjament biex ikunu konxji mid-drittijiet, dmirijiet u r-reponsabiltajiet taghhom bhala koppja mizzewga.

**L-Allegazzjoni li z-Zwieg ma giex Ikkunsmat**.

Fl-ewwel kawzali tieghu l-attur jallega li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi annullat billi l-konvenuta rrifjutat li tikkonsma z-zwieg(Artikolu 19A);

Kemm l-attur, kif ukoll l-konvenuta ddikjaraw li qatt ma kellhom intimita' bejniethom. Il-Qorti pero' ma hiex tikkonsidra bhala veritiera d-dikjarazzjoni tal-partijiet f'dan ir-rigward. Rilevanti jigi osservat illi l-partijiet izzewgu fis-sena 2005 u l-kawza ghall-annullament giet intavolata fis-sena 2013, tmien snin wara. Huwa inspjegabbli kif il-konvenuta li tant kienet attratta lejn l-attur li halliet il-Gzejjer Maltin u marret is-Sirja u zzewgitu imbaghad tghid li ma kenitx thossha komda tkun intima mieghu minghajr ma taghti l-ebda raguni li remotament tista' tiggustifika dak li issa qed tallega.

Mill-provi skarsi li tresqu f'din il-kawza jirrizulta illi anke fix-xhieda taghhom il-partijiet ma jaqblux fir-rigward taz-zmien antecedenti z-zwieg taghhom. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid illi kien hemm persuna, li baqghet minghajr isem, li qaltlu li kien jaf tfajla li toqghod Malta "li kienet tghodd" ghalih. Jghid li din il-persuna ghamlet l-arrangamenti sabiex il-konvenuta "tkun tista' tigi s-Sirja halli nsir nafha u nkunu nistghu nizzewgu". Daqshekk jghid dwar iz-zmien qabel il-konvenuta marret is-Sirja. Mill-banda l-ohra l-konvenuta tixhed illi qabel marret is-Sirja hija kienet saret taf lill-attur minn fuq l-internet u kienu ghamlu circa tlett xhur u nofs jikkomunikaw fuq l-internet qabel iddecidiet li tmur is-Sirja. In-nuqqas tal-attur li jghid il-verita' dwar dan id-dettal fir-rigward taz-zmien antecedenti z-zwieg tal-partijiet jwassal lill-Qorti tikkonkludi li l-attur kien ekonomiku mal-verita' bl-iskop li jaghti l-impressjoni illi l-partijiet ikkomunikaw ghall-ewwel darba meta' l-konvenuta marret is-Sirja u l-partijiet izzewgu ftit wara.

Fil-fehma tal-Qorti l-allegazzjoni tal-partijiet illi qatt ma kienu intimi wara li zzewgu m'ghandiex mill-verita' u qed tigi respinta. Il-kawzali imsejsa fuq l-Artikolu 19A tal-Kap 255 qed tigi ghalhekk michuda.

**Nuqqas Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju**.

Jirrizulta pero' li xi zmien wara li zzewgu fis-Sirja l-konvenuta giet lura Malta u l-attur gie Malta xi zmien wara. sabiex jinghaqad ma martu sakemm saru l-proceduri necessarji mal-awtoritajiet Maltin. Huwa xhed illi meta gie Malta "C kienet differenti u ma tantx bdiet turi interess" fih.

Huwa evidenti illi frott l-immaturita' tal-partijiet b'mod partikolari dik tal-konvenuta fil-mument li l-partijiet izzewgu, il-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Irrizulta sodisfacentement ippruvat illi fiz-zmien rilevanti l-konvenuta kienet impulsiva frott l-eta taghha ta' sbatax-il sena li telqet minn Malta lejn is-Sirja bl-iskop li tizzewweg persuna li kienet saret taf bih biss tlett xhur qabel fuq l-internet.

Fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement ippruvat illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg tal-partijiet iccelebrat fil-21 ta' Gunju 2005 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**